MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Numru. 216/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 27 TA' MARZU 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**

**KONTRA**

**RODERICK GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Roderick Grech ta’ 32 sena, bin John u Catherine nee’ Zammit, mwieled Attard nhar 26 ts’ Dicembru 1975, residenti Sacred Heart, Triq il-Fossili B’Bugia, detentur ta’ l-karta tal-identita’ numru 66776(M).

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

1. Talli nhar is-7 ta’ Marzu 2008 u fiz-zminjiet ta’ qabel d-data, zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu armi tan-nar u munizzjon elenkati fl-iskeda II ta’ l-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligjiet ta’ Malta minghajr ma kellu licenzja taht l-imsemmi Att Dwar l-Armi, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 5 (1) ta’ l-Att Dwar l-Armi Kapitlou 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Kif ukoll talli nhar is-7 ta’ Marzu 2008, gewwa il-Lukanda Fortina, Triq ix-Xatt, sliema, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-ammont ta’ Euro 233 (mitt Lira Maltin) izda minn inqas minn Euro 2330 (elf Lira Maltin) u li sehh ghad-detriment ta’ Rieko Ito;

3. Akkuzat ukoll talli f’isem il-Kontollur tad-Dwana, u kif ukoll f’isem il-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-valur mizjud, talli, fil-11 ta’ Marzu 2008, u jew f’xi dati qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u jew taht il-kontroll tieghu pistola u balal, kif deskritt hawn taht:

- Pistola tal-marka Davis Industries, manifatturata l-Stati Uniti bin-numru tas-serje APO23714,mudell P-380,kalibru.380 Auto kif ukoll
- Dsatax-il balla ta’ kalibru 9mm

Il-pistola u l-balal, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u jew ristrett u jew limitati, ghandhom valur totali ta’ Euro 41.65, Dazju u Taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T), dovuti li jammontaw ghal Euro 1.13 u Euro 7.70 rispettivament; liema Dazju u Taxxa ma kienux gew

imhallsa u jew kawtelati,u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 60 (a) (b) (c) (k); tal-Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), u paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll l-Artikoli 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-valur Mizjud (att Nru. XXII ta’ l-1998).

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li jinghata zmien skond il-Ligi

Ikkunsidrat:
Ghal-dawn il-motivi:

Wara li rat l-Artikoli 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, 261 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 60 (a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (F) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-istess Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammisjoni il-Qorti issib lil imsemmi imputat hati, u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta Euro582.30 b’terz minnhom dovuta lid-dipartiment tad-Dwana bhala dejn civili.
Tikkundannah ukoll ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai terminu tal-Artikolu 28 A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tordna konfiska u distruzzjoni tal-pistola u munizzjon ezebiti fl-atti.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------